# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum l-Erbgha 21 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 2
Rikors Nru. 304/16/1 JZM**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino, avukat (detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 555482M) bhala mandatarju specjali ta` Marsoft International A/S, socjeta` registrata fin-Norvegja bin-numru 937 657 927 u b`indirizz registrat ta` Inkognitogata 33A, 0256 Oslo, fin-Norvegja**

***kontra***

**1. Vroon Containers B.V., socjeta` registrata fl-Olanda bin-numru 22055081 u b`indirizz registrat ta` Haven Wsetzijde 21, 4511 AR Breskens, fl-Olanda,**

***u***

**2. Balticmax Holding Company Limited (C-70765)**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezenta r-rikorrent fid-19 ta` April 2017 fejn talab lill-Qorti sabiex taghti ordni *interim.***

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta` April 2017.

Rat ir-risposta li pprezentat l-intimata Vroon Containers B.V. fit-2 ta` Mejju u d-dokument li kien anness.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta` Mejju 2017.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta r-rikorrent fil-31 ta` Mejju 2017.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-udjenzi tad-19 ta` Gunju 2017 u tal-lum.

Rat l-atti tal-kawza bejn l-istess partijiet bin-nru. 304/16 JZM.

Rat ukoll il-provi li saru sal-lum f` dik il-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Il-Qorti taghmel taghha, ghall-fini tal-provvediment tal-lum, id-dottrina u l-gurisprudenza li ccitat fi provvediment iehor dwar ordni *interim* li kienet tat fl-istanza principali ta` bejn l-istess partijiet fit-2 ta` Settembru 2016.

**Ikkunsidrat :**

Fir-rikors de quo, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex taghti ordni *interm* ibbazat fuq erba` talbiet.

Wara li qieset il-fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti ordni *interim* abbazi tar-raba` talba tar-rikorrent.

Sejra taghmel hekk bir-riserva illi tipprovdi `l quddiem anke dwar it-tliet talbiet l-ohra tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors jekk ikun il-kaz.

Ghall-fini ta` kjarezza, il-Qorti trid tqieghed car il-punt illi ghalkemm illum sejra taghti ordni *interim* limitat ghar-raba` talba, l-ordni li qeghda taghti m`ghandux jiftiehem illi l-Qorti qeghda tippronunzja ruhha wkoll dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, ghaliex dwar il-mertu l-Qorti ghad trid tisma` l-provi kollha u wara li taghmel hekk tiddeciedi.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tar-rikorrent tad-19 ta` April 2017 billi :-**

**Riferibbilment ghar-raba` talba tar-rikorrent, tordna bhala mizura *interim* illi b`effett mil-lum u ghaz-zmien kollu li tibqa` pendenti l-kawza bejn l-istess partijiet bin-numru 304/16 JZM, Vroon Containers B.V. u Herman Marks m`ghandhom bl-ebda mod jippartecipaw fit-tehid tad-decizjonijiet da parti ta` Balticmax Holding Company Limited (C70765) in konnessjoni ma` materji li dwarhom Vroon Containers B.V. ikollha konflitt ta` interess, inkluz decizjonijiet dwar kawzi u proceduri legali fil-konfront tal-istess Vroon Containers B.V. u Herman Marks, u offerti u trasferimenti ta` ishma, u dan sabiex jitharsu l-interessi ta` Balticmax Holding Company Limited (C70765).**

**Tirriserva illi `l quddiem tipprovdi wkoll dwar it-tliet talbiet l-ohra tar-rikorrent jekk ikun il-kaz.**

**Tordna illi l-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu fil-kawza bejn l-istess partijiet bin-bin-numru 304/16 JZM.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**